# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Decizjoni Preliminari Numru: 2891

**Kaz Numru: 4063/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Ian Gusman (K.I. Nru. 136994M)**

**u**

**Malta Financial Services Authority**

*dwar allegazzjoni ta' nuqqas ta' hlas ta' performance bonus*

Illum it-Tlieta 21 ta' Frar 2023

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

It-Tribunal,

Ra r-rikors datat 29 t'April 2022, intovalat mir-rikorrent, Ian Guzman, fejn talab lil dan it-Tribunal sabiex jiddetermina u jiddikjara li r-rikorrent sofra danni meta l-Awtorita` ntimata naqset li tonora dak li kienet ikkommunikat mall-istess rikorrent, u li in oltre naqset milli ssegwi l-kundizzjonijiet tal-impjieg, u dan meta r-rikorrent ma thallasx il-*performance bonus* li kien lilu dovut. Fit-talbiet tieghu r-rikorrent talab li ghalhekk dan it-Tribunal ghandu jordna lill-Awtorita` ntimata sabiex tillikwida u thallas dan il-*performance bonus* lir-rikorrent. Ir-rikorrent talab ukoll li dan it-Tribunal li jordna li jillikwida ammont ta' kumpens gust oltre l-*performence bonus* dovut, u jikkundanna lill-Awtorita` ntimata sabiex thallas dan it-tali kumpens dovut lir-rikorrent[1].

It-Tribunal, in oltre ra d-Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-Awtorita` ntimata, pprezentata fir-Registru fit-8 ta' Gunju 2022, fejn l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjajri ta' Malta (MFSA) resqet eccezzjoni preliminari dwar in-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal f'tali kwistjonijiet. L-Awtorita` ntimata ssostni li talba ghal hlas dwar il-*performance bouns* taqa' taht il-kompetenza tal-Qrati ordinarji u mhux taht it-Tribunal Industrijali[2].

It-Tribunal jaghmel referenza ghall-verbal tas-seduta tat-18 t'Ottubru 2022 fejn din il-kwistjoni ta' xoghol giet ittratta l-ewwel eccezzjoni preliminari ssollevata mill-Awtorita` ntimata. Illi fl-istess seduta r-rapprezentant legali ghall-Awtorita` ntimata ghamel it-trattazzjoni tieghu oralment, mentri r-rikorrent, tramite l-konsulent legali tieghu, Dottor Noel Camilleri, ressaq nota ta' sottomissjonjiet fit-13 ta' Frar 2023.

[1] Rikors promutur tar-rikorrent.
[2] Dikjarazzjoni tal-Kaz tal-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji.

**Trattazzjoni u Nota ta' Sottomissjonjiet**

Illi fis-seduta tat-18 t'Ottubru 2022, ir-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata, Dottor Matthew Brincat, ghamel it-trattazzjoni tieghu rigward l-ewwel eccezzjoni preliminari sollevata mill-istess Awtorita` ntimata. Fit-trattazzjoni gie sottomess li r-rikorrent qieghed jitlob li jinghata *performance bonus*, u ghalhekk ressaq dan l-ilment quddiem dan it-tribunal. It-Tribunal Industrijali sostna, r-rapprezentant legali tas-socjeta` ntimata, ma ghandux kompetenza sabiex jiddeciedi tali kwistjonijiet.

Fit-trattazzjoni gew elenkati l-istanti taht artikolu 75 tal-Kap 452 li t-Tribunal Industrijali ghandu jitratta u jiddeciedi dwarhom. Fl-istess trattazzjoni saret referenza ghal xi decizjonjiet rigward din il-materja ta' kompetenza tat-Tribunal Industrijali li tikkoncerna l-hlas ta' *performance bonuses*. Fit-trattazzjoni orali saret ukoll referenza ghal zewg decizjonjiet fejn jirrigwardjaw hlas ta' *performance bonus.*

L-istess Awtorita` ntimata elenkat gurisprudenza dwar il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali, fejn saret referenza ghad-decizjonijiet ta' Ian Falzon vs Awtorita` ghat-Trasport f'Malta[3], Joanna Azzopardi vs MSV Life p.l.c.[4], u kif ukoll Ioannis Katakis vs Pinnacle Gaming Group Limited (C 34215) u bil-verbal tat-22 ta' Lulju, 2021 l-isem tas-socjeta' ntimata' huwa IZI Group Plc (C34215)[5].

Illi, mill-banda l-ohra, fin-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent saret referenza ghall-gurisprudenza li tikkoncerna l-principji tar-rabta tal-kuntratti in generali (*pacta sunt servanda*). Fin-nota tas-sottomissjonijiet tar-rikorrent hemm citata decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati, deciza fit-22 ta' Frar 2011[6]. Din id-decizjoni tittratta rabta bejn il-partijiet meta dawn jintrabtu b'kuntratt u dan b'analogija ghall-kwistjoni in dizamina.

In oltre, fl-istess nota saret referenza ghal decizjonijiet ohra li jikkoncernaw patti vinkolanti bejn il-partijiet kontraenti. Dawn id-decizjonijiet huma Eric Schembri u Paul Bezzina in rapprezentanza ta' Mediterranean Insurance Brokers Limited u M.I.B. Holding CO. Ltd vs Lewis Baldacchino[7], u kif ukoll Macheda Antonio vs EveryMatrix Ltd (C44411) et[8].

Illi r-rikorrent fin-nota tieghu jsostni, u dan wara li ssottometta brani minn dawn id-decizjonjiet hawn citati, li dan it-Tribunal stante li l-kuntratt tar-rikorrent jqis li l-*performance bonus* huwa

---

[3] Deċiżjoni Numru 2524 – Chairman is-Sur Edmund Tabone, deciza – 12 ta' April 2018 – Konfermata mill-Qorti tal-Appell, per Onor. Mhallef Anthony Ellul, fit-12 ta' Novembru 2019.

[4] Appell Inferjuri Numru 188/2018/1 LM – Joanna Azzopardi vs Mapfre MSV Live p.l.c. – deciza fis-16 ta' Dicembru 2020, per L-Onor. Mhallef Lawrence Mintoff.

[5] Decizjoni Numru 3979 – Chairman is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK) – deciza fid-29 ta' Novembru 2022.

[6] Avviz Numru: 345/2008 CSH – Qorti tal-Magistrati, per Onor. Magistrat, illum Mhallef Consuelo Scerri Herrera - Mark Bugeja, Martin Borg Bonello Cole, Austin Demajo u Joseph Pullicino f'isimhom proprju u fl-isem u l-interess tad-ditta Grant Thornton vs Geoffrey Camilleri.

[7] Qorti tal-Appell (Superjuri) Eric Schembri u Paul Bezzina in rapprezentanza ta' Mediterranean Insurance Brokers Limited u M.I.B. Holding CO. Ltd vs Lewis Baldacchino – deciza 11 ta' Novembru 1997 – per l-Onor. Mhallfin – Onor. Mhallef Carmel A. Agius LL.D (Agent President), Onor. Mhallef Noel V. Arrigo LL.D, Onor. Gannino Caruana Demajo LL.D.

[8] Rikors Maħluf Numru 965/2014 LM – Antonio Macheda (K.I. numru 95048A) vs EveryMatrix Ltd (C44411) u Dr Martin Fenech u l-P.L. Gerald Bonello b'digriet taż-17 ta' Novembru, 2014 ġew nominati kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lis-soċjetà estera EveryMatrix N.V., reġistrata fil-Curacoa

parti mis-salarju tar-rikorrent. In oltre, hemm referenza ghall-artikolu 75 (1) (c) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u li bis-sahha ta' dan l-imsemmi artikolu dan it-Tribunal ghandu gurisdizzjoni esklussiva.

**Konsiderazzjonjiet tat-Tribunal Industrijali: -**

Illi dan it-Tribunal evalwa *funditus* l-argumenti mressqa miz-zewg abbli rapprezentanti legali tal-partijiet. Dan it-Tribunal jibda biex iqis li din il-kwistjoni tirrevolvi esklussivament fuq hlas ta' *performance bonus* dovut lir-rikorrent. It-talbiet tar-rikors promotur tar-rikorrent huma dwar dan il-hlas tal-*performance bonus*, oltre kumpens. Ma hemm imkien indikat fl-istess rikors promotur tar-rikorrent li kien hemm tkeccija jew terminazzjoni ngusta mill-impjieg da parti tal-Awtorita` ntimata fil-konfront tar-rikorrent. It-talba hija esklussivament ghall-hlas tal-*performance bonus*. Illi kif issottometta tajjeb fit-trattazzjoni tieghu r-rapprezentant legali tal-Awtorita` ntimata, fejn sostna li hemm tlett elementi li t-Tribunal Industrijali ghandu gurisdizzjoni fuqhom, u li dawn it-tlett elementi jinsabu stipulati f'artikolu 75 tal-Kap 452. Artikolu 75 tal-Kap 452 jistipula s-segwenti:-

> 75. (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –
> (a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;
> (b) it-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lil ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perjodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u
> (ċ) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:

Illi dwar il-kompetenza ta' dan it-Tribunal hemm diversi decizjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni esklussiva li ghandu t-Tribunal Industrijali. Fid-decizjoni, Karmenu Vella vs General Workers' Union, moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Settembru 2010 gie rilevat s-segwenti;

> "*Ghandu jinghad li l-gurisdizzjoni esklusiva tat-Tribunal Industrijali ġiet konferita bil-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta b'deroga għall-ġurisdizzjoni ġenerali tal-qrati ordinarji. Għalhekk, salv fil-każijiet indikati fil-liġi stess, id-disposizzjonijiet tal-Kap.452 ma jistgħux jiġu nterpretati b'mod wiesgħa tant li jiġu estiżi sabiex jinkludu setgħat li l-leġislatur ma ndikax fil-liġi għax ma riedx li dawn jidħlu fil-parametri tas-setgħat tat-Tribunal. Fi kliem ieħor, il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali u s-setgħat li għandu huma dawk espressament indikati fil-liġi stess li stabbiliet il-parametri tal-operat tiegħu*".[9]

Illi f'dan il-bran ta' din id-decizjoni johrog car x'inhi l-intenzjoni tal-legislatur ghal dak li jikkoncerna l-poteri tat-Tribunal Industrijali. Illi fil-kaz in dezamina r-rikorrent qieghed jitlob lit-Tribunal sabiex jiddikjara li saret ingustizzja mieghu u li l-istess Tribunal jordna l-hlas tal-

[9] *Karmenu Vella vs General Workers' Union*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, Cit. Nru:774/2009/JZM, 30 ta' Settembru 2010 – Onor. Mhallef Joseph Zammit McKeon.

*performance bonus* lir-rikorrent[10]. Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma li l-kwistjoni li kellu r-rikorrent ma tinkwadrax fil-parametri tal-Kap 452.

Illi din il-kwistjoni ta' xoghol ma hijiex dwar tkeccija ngusta, izda ghall-hlas ta' *performance bonus*. Illi filwaqt li dan it-Tribunal jifhem li kien hemm rabta bejn il-partijiet, u li kif ukoll saret referenza ghal principju sagrosant li jirregola l-kuntratti, ossia, *pacta sunt servanda*, r-rikorrent kellu jimposta l-lanjanzi tieghu quddiem il-Qrati ordinarji, u mhux quddiem it-Tribunal Industrijali. Illi mid-decizjoni citata mill-Awtorita` ntimata, Joanna Azzopardi vs Mapfre MSV Life p.l.c., jidher car ukoll li din il-kawza giet, korrettament, intavolata quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u sussegwentement giet appellata quddiem il-Qorti tal-Appell (Inferjuri).

In oltre, fid-decizjoni gia citata, Ioannis Katakis vs Pinnacle Gaming Group Limited (C 34215) u bil-verbal tat-22 ta' Lulju, 2021 l-isem tas-socjeta' ntimata' huwa IZI Group Plc (C34215), it-Tribunal kif diversament ippresedut, sostna:-

> It-Tribunal Industrijali jiddeciedi, li din il-materja mhix kompitenza ta' dan it-Tribunal Industrijali li jiddeciedi fuq dawn l-aspetti ta' ksur ta' kundizzjonijiet tax-xoghol u kuntratti bejn il-partijiet ghax il-kompitenza ta' dan it-Tribunal Industrijali hija li jiddeciedi jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg kienitx ingusta u jekk jirrizulta li tkun ingusta jghati rimedju. Ghaldaqstant, rigward ksur tal-kundizzjonijiet tax-xoghol u kuntratti ir-rikorrenti ghandhu jirreferi materja[11].

Il-kompetenza tat-Tribunal Industrijali hi kjarament elenkata fit-tlett istanti elenkati f'artikolu 75 tal-Kap 452. It-Tribunal Industrijali, kif hemm fl-imsemmi artikolu, jitratta sitwazzjonijiet ta' tkeccija ngusta, ghax din kienet l-intenzjoni tal-legislatur. Kif tghid il-massima Latina, *ubi lex voluit dixit ubi noluit tacuit*, il-legislatur illimita l-komptenza tat-Tribunal Industrijali ghall-kwistjonijiet ta' tkeccija ngusta, u waqaf hemm. Li ried jghid xi haga ohra l-legislatur kien jghidha. Is-sitwazzjonijiet l-ohra li ma jinkwadrawx fi tkeccija ngusta ghandhom jigu rivolti quddiem il-Qrati ordinarji.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal qieghed jiddeciedi din il-kwistjoni ta' xoghol billi jilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-intimata l-Awtorita` ghas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (Malta Financial Services Authority), filwaqt li jichad it-talba tar-rikorrent, Ian Gusman, u jiddikjara li ma għandux kompetenza sabiex jisma' t-talbiet tar-rikorrent, u dan ai termini ta' artikoli 75 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Għall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986 it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tad-difensuri tal-partijiet f' din il-kwistjoni ta' xoghol fl-ammont ta' tlieta u disghin Ewro u sbatax-il centezmu (€93.17).

---

[10] Rikors promutur tar-rikorrent, Ian Guzman.

[11] Decizjoni Numru 3979 – Ioannis Katakis vs Pinnacle Gaming Group Limited (C 34215) u bil-verbal tat-22 ta' Lulju, 2021 l-isem tas-Socjeta' intimata' huwa IZI Group Plc (C34215) – Chairman is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK) – deciza fid-29 ta' Novembru 2022.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)
**Avv. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**